MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 166/2006

Kawza fil-lista: 40

**A B**
**vs**
**C D, E F u l-Avukati Dottor Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici nominati b' digriet ta' l-1 ta' Gunju 2006 biex jirrapprezentaw lill-minuri G B, u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi fit-12 ta' Jannar 2004 l-attur izzewweg lill-konvenuta C D (Dok A);

2. Illi f' April 2004 u cioe' madwar tlett xhur wara c-cerimonja taz-zwieg, l-attur u l-konvenuta C D isseparaw de facto u minn dak iz-zmien lanqas qatt ma kellhom relazzjoni sesswali bejniethom;

3. Illi sussegwentement il-konvenuta C D bdiet tghix mal-konvenut E F u kellha relazzjoni mieghu li minnha harget tqila;

4. Illi fil-5 ta' Gunju 2005, l-konvenuta C D isseparat legalment mill-attur A B;

5. Illi fl-4 ta' Dicembru 2005, twieled il-minuri G, liema minuri kellu jkun registrat bhala l-wild naturali ta' l-attur A B, hekk kif jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid anness u mmarkat bhala Dok. B;

6. Illi filwaqt li huwa impossibli li l-attur A B ikun il-missier naturali tal-minuri G, il-konvenut E F jirrikonoxxi lil minuri G bhala l-wild naturali tieghu;

7. Illi l-minuri G mhuwiex l-iben naturali ta' l-attur A B, hekk kif anki muri fir-rizultat tad-DNA anness u mmarkat Dok. C;

8. Illi l-minuri G huwa l-iben naturali tal-konvenut E F;

9. Illi l-attur ma jridx li huwa jibqa' jkun indikat bhala l-missier tal-minuri G;

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara li l-minuri G li twieled fl-4 ta' Dicembru 2005 mhuwiex il-wild naturali ta' l-attur A B;

2. Tiddikjara li l-minuri G li twieled fl-4 ta' Dicembru 2005 huwa l-wild naturali tal-konvenut E F;

3. Tordna lil konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid

tal-minuri G li twieled fl-4 ta' Dicembru 2005, fis-sens li jitnehhew il-konnotati ta' l-attur A B mill-istess Att tat-Twelid u jitnizzel l-isem tal-konvenut E F bhala l-mmissier.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent ghandu jipprova l-impossibilta' fisika bejn il-konjugi in kwistjoni.

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent ghandu jispecifika d-dettalji personali kollha ta' l-intimat E F u l-kliem "the said" iridu jigu kkancellati minn taht il-kolonna li taghti taghrif dwar l-omm tat-tarbija sabiex jekk it-talbiet tar-rikorrent jintlaqghu dawn ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

4. Illi ghandu jigi specifikat fit-talbiet, in-numru progressiv ta' iskrizzjoni ta' l-Att tat-Twelid relattiv li huwa 4076 tas-sena 2005.

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat in-nota prezentata mill-konvenuti C D u E F li permezz taghha ammettew "ghal kollox u bla ebda kondizzjoni l-fatti kif dikjarati mill-attur" fir-rikors promutur;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat ir-rapporti xjentifici tad-DNA presentati u mahlufa minn Dottor Renald Blundell;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li l-minuri G li twieled fl-4 ta' Dicembru 2005 mhuwiex il-wild naturali ta' l-attur, izda huwa l-wild naturali tal-konvenut E F; u qed jitlob il-konsegwenzjali korrezzjoni fl-Att tat-Twelid ta' l-istess minuri.

Il-Qorti semghet lill-konvenuta u lil Dr.Renald Blundell jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li fit-12 ta' Jannar 2004 l-attur izzewweg mal-konvenuta C D, cittadina marrokkina, izda dawna sseparaw de facto f' April ta' l-istess sena. Iz-zewg partijiet ikkonfermaw li minn dak iz-zmien il-quddiem ma kellhomx qatt x' jaqsum flimkien.

F' Gunju ta' l-istess sena, il-konvenuta C Ennjem iltaqet mal-konvenut E F u wara ftit marret tghix mieghu, u minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri G fl-4 ta' Dicembru 2005 li gie registrat fl-Att tat-Twelid bhala il-wild ta' l-attur.

Sadanittant l-attur u l-konvenuta sseparaw de jure fil-5 ta' Gunju 2005.

Illi r-rizultati tad-DNA jghatu konfort shih lit-tesi attrici fis-sens li, filwaqt li jeskludu lill-attur bhala l-missier naturali tat-tifel G, jikkonfermaw lill-konvenut E F bhala l-missier bijologiku tieghu.

Dan premess u kkunsidrat it-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara li t-tifel G li twielded fl-4 ta’ Dicembru 2005 mhuwiex il-wild naturali ta’ l-attur A B, izda huwa l-wild naturali tal-konvenut E F; u konsegwentement tordna d-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tat-tifel G fis-sens li, filwaqt li jigu kkancellati l-isem ta’ l-attur u l-konnotati tieghu, jigu inseriti l-isem tal-konvenut E F u l-konnotati tieghu.

L-ispejjez jigu sopporati mill-konvenuti C Ennjem u E F konguntivament fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------